MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 36/2009

**Melita Marine Limited**
**(C – 24026)**

**vs**

**Michael Pass, detentur tal-passaport Kanadiz bir-referenza BA500757, b'indirizz ta' C/Garita 48, 07015 Palma de Mallorca, Baleares, Spanja u l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-PL Victor Bugeja b'digriet tat-18 ta' Dicembru, 2009 nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil PG+ Systems LLC, socjeta` estera registrata mal-*Companies Registry* tal-*Isle of Man* bin-numru 000855 ittra 'L', u b'indirizz ta' Grosvenor Court, Albert Road, Ramsey, IM8 u b'digriet tad-9 ta' Settembru, 2010 l-Avukat Dottor Noel Bartolo u l-PL Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-konvenut Michael Pass**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-14 ta' Jannar, 2009, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti fuq indikata sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata t-13 ta' Dicembru, 2007, l-intimati kkonstitwew ruhhom debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' hamsin elf, sitt mija u hdax –il Ewro, (€50,611.00), kif hemm dettaljatament deskritt, (ara fol 5);

2. Illi sal-gurnata tal-prezentata tal-azzjoni odjerna l-intimati hallsu biss hmistax –il elf, sitt mija u ghoxrin Ewro, (€15,620.00);

3. Illi ghalhekk l-intimati ghad ghandhom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-bilanc rimanenti;

Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti qed titlob lil din il-qorti biex:

1. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati jhallsu s-somma rimanenti ta' erbgha u tletin elf, disa' mija u wiehed u disghin Ewro, (€34,991.00);

2. Bl-ispejjez kif dettaljatament indikati fl-imsemmi rikors promotur;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati suriferiti datata l-4 ta' Frar, 2010, li sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi ma kinux edotti mill-fatti;

2. Illi rriservaw id-dritt li jintavolaw risposta ulterjuri jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentat;

Rat id-dokumenti pprezentati in atti mill-Kuraturi Deputati;

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti u Tribunali Civili datata d-19 ta' Mejju, 2010, li permezz taghha esebixxa c-

certifikat relattiv tal-awtorita` rilevanti ta’ Spanja li permezz tieghu gie assodat li kienet giet debitament effettwata n-notifika rilevanti skont il-ligi;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat id-9 ta’ Settembru, 2010, li permezz tieghu gew nominati Kuraturi Deputati ohra ghall-finijiet kollha tal-ligi, (ara fol 259);

Rat in-nota tal-istess Kuraturi Deputati riferiti fil-paragrafu precedenti datata t-8 ta’ Mejju, 2011, li permezz taghha filwaqt li pprezentaw kopja tal-korrispondenza relattiva ghall-procedura odjerna, infurmaw lill-qorti li ghalkemm kien sar ukoll dan l-isforz gdid biex jigi rintraccat l-intimat fuq riferit, dan irrizulta wkoll fin-negattiv, (ara fol 264);

Rat il-verbal tal-Kuraturi Deputati datat is-7 ta’ Frar, 2012, li permezz tieghu ikkonferma li l-isforzi ulterjuri taghhom baqghu negattivi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-kawza odjerna hi naxxenti mill-iskrittura privata datata t-13 ta’ Dicembru, 2007, li permezz taghha l-intimat Michael Pass ikkonferma li kellu jaghti l-ammont ta’ hamsin elf, sitt mija u hdax –il Ewro, (€50,611.00), lis-socjeta` rikorrenti u li l-istess ammont kien ukoll dejn cert, likwidu u minnu dovut lill-istess socjeta` rikorrenti;

2. Illi l-istess intimat obbliga ruhu wkoll fl-istess skrittura li jirrifondi l-imsemmi ammont bil-modalita` minnu stess maqbula u elenkata fl-istess skrittura, (ara fol 5);

3. Illi minn din il-modalita` ta’ pagament l-istess intimat Pass kien hallas biss zewg (2) rati, (ara fol 5 u fol 269) ammontanti ghal hmistax –il elf, sitt mija u ghoxrin Ewro, (€15,620.00);

4. Illi konsegwentement l-intimat ghad ghandu jirrifondi lis-socjeta` rikorrenti l-ammont rimanenti ta’

erbgha u tletin elf, disa' mija u wiehed u disghin Ewro, (€34,991.00);

5. Illi effettwati l-imsemmija pagamenti, l-intimat spicca latitanti;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-veradicita` tal-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement takkolji t-talbiet kollha taghha u ghalhekk:

1. Tiddikjara li l-intimati Michael Pass u PG+Systems LLC huma debituri tas-socjeta` rikorrenti Melita Marine Limited fl-ammont ta' erbgha u tletin elf, disa' mija u wiehed u disghin Ewro, (€34,991.00);

2. Tikkundanna lill-istess intimati fuq indikati biex ihallsu l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti lill-istess socjeta` rikorrenti fuq riferita;

3. Bl-ispejjez, kif mitluba u bl-imghaxijiet mill-10 ta' Marzu, 2008, skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------